# PATRI LIBORJU CARUANA, O.F.M.

*Ta'* Fra Ġorġ Aquilina, O.F.M.

NISTGĦU ngħidu bla tlaqliq li s-sekli sbatax u tmintax kienu għall-Patrijiet Minuri Maltin sekli ta' progress u ta' attività sħiħa, li matulhom nisġu l-isbaħ kuruna ta' ġieh madwar ras il-Provinċja Minoritika Maltija.

Fost il-Patrijiet li għamlu unur insibu lil Patri Liborju Caruana O.F.M. minn Ħal Qormi.

Twieled fl-1663. Ta' sbatax-il sena daħal Patri u beda n-Novizzjat f'Sirakuża, fejn għamel ukoll l-istudji u ipprofessa r-Regula.

Fit-12 ta' Ġunju 1683 ġie ordnat Suddjaknu u sena wara maħtur Saċerdot fil-Katidral ta' Sirakuża minn idejn l-Isqof Mons. Franġisk Fortezza.

Patri Liborju mill-ewwel deher li hu bniedem ħabrieki u għaqli, tant li fl-ewwel snin tas-Saċerdozju tiegħu kien diġà dar il-pulpti l-aktar importanti ta' Sqallija u ta' Malta.

Fis-sena 1692 kien maħtur Gwardjan tal-Kunvent ta' Santa Marija ta' Ġesù tar-Rabat, fejn dam sena biss. F'din si-sena tal-Gwardjanat tiegħu dan il-Patri ħabrieki wettaq xogħol kbir. Fi żmienu l-Gżejjer tagħna flimkien ma' Sqallija sofrew il-flaġell kbir tat-terremot. Il-Kunvent tar-Rabat ħass bis-sħiħ, bħalma ħassew il-Katidral u bosta postijiet oħra fil-Gżira. Hawn naraw lil Patri Liborju jirfed il-kunvent bit-travi, li n-nefqa tagħhom waslet 100 skud: sakemm ftit wara sewwieh sewwa u żiedlu kuritur ieħor li n-nefqa tiegħu qamet 572 skud, 12-il tari u 29 ħabba, kif jidher mill-kontijiet li jinsabu fl-arkivju tal-Provinċja.

Il-ħila u l-ħeġġa ta' Patri Liborju ma kinux żgħar, tant li nistgħu ngħidu li għadda għomru Superjur. Insibuh, għaldaqstant, Gwardjan tal-Kunvent ta' Santa Marija ta' Ġesù tal-Belt għal darbtejn wara xulxin; 1709-1711 u 1711-1712. Kien ukoll Kummissarju tal-Qabar ta' Kristu f'Malta mill-1699-1716 u għal darbtejn Kustodju tal-Provinċja.

Kien nhar Sant'Antnin, it-13 ta' Ġunju 1705, meta fil-Kapitlu Provinċjali li kien sar fil-Kunvent ta' Calatagirone, taħt il-presidenza ta' Patri Franġisk ta' Chiusa, li Patri Liborju ġie maħtur b'voti unanmi Provinċjal ta' Sqallija u ta' Malta. Dam f'din il-kariga sa Ġunju ta' l-1708.

F'dan l-offiċċju l-Patri tagħna mexa bi prudenza u b'karità tal-għaġeb. Kien bniedem li tabilħaqq kien jistħoqqlu kariga hekk għolja. Kien maħbub minn kulħadd, tant, li nhar l-10 ta' Lulju 1714 fil-Kapitlu Provinċjali li ltaqa' fl-istess kunvent ta' Calatagirone, taħt il-presidenza ta' P. Ġużepp Ġirolmu Castaldo, Patri Liborju għat-tieni darba reġa' ġie maħtur Provinċjal u dam sas-sena 1717. Ta' min isemmi li l-Patri tagħna spiċċa minn Provinċjal ftit qabel ma' għalaq iż-żmien, minħabba li kien marid ħafna.

Imma għalkemm marid, ma damx wisq mingħajr kariga għolja li tixraqlu ta' bniedem qaddis u ħabrieki li kien. Għalhekk insibu li l-Viċi-Kummissarju Ġenerali ta' l-Ordni, P. Lawrenz Cozza (li wara laħaq Ġeneral u Kardinal) bilkemm sena wara għażlu bħala Viżitatur Ġenerali tal-Provinċja ta' Kosenza fil-Kalabrja. Iżda ma kellux ix-xorti li jwettaq il-ħidma tiegħu f'dan il-qasam li l-Ubbidjenza lestietlu; għaliex meta ġie Malta, wara li kien dar is-Santwarji ewlenin ta' l-Italja, fil-ħin sewwa li kien nieżel minn fuq ix-xini tah attakk qawwi apopletiku u ttieħed fil-Kunvent tal-Belt. Hawn wara li rċieva s-Sagramenti

għadda għad-dinja l-oħra biex jieħu l-ħlas li kien tabilaqq jixraqlu, fis-16 ta' Diċembru 1718 meta kellu biss 58 sena.

Minbarra x-xogħlijiet ta' bini li tant tħabat għalihom, baqgħu monument il-35 ittra ċirkulari li ħareġ għall-Patrijiet fiddarbtejn li kien Provinċjal. Ittri mimlijin tagħlim qaddis li bih kien mixgħul Patri Liborju.

Fil-Kunvent ta' Santa Marija ta' Ġesù tal-Belt, fil-Mużew-Bibljoteka jinsab ir-ritratt tiegħu, li dari kellu taħtu skrizzjoni li kienet tgħid hekk:

Fr. Liborius Caruana a Melita ex Casal Curmi
Ord.Min.Obs.Concionator Lector Theologus
Qui Religiosissima Charitate Fretus
Quamplurima Obtinuit et Praeclara
Religionis Munera
Pluries enim extitit Guardianus
Utriusque Melitensis Conventus
Terrae Sanctae Commissarium Generalem Gessit
In Quo Jubilatus Fuit
Observantis Provinciae Vallis Neti et Melitae Definitor
Bis Custos et Iteratus Minister Provincialis
Nec non Provinciae Calabriae Ulterioris
In Neapolitano Regno
Commissarius Visitator Generalis Electus Fuit
Goriosus Tandem
Laboribus Clarus
Post Piam Sanctorum Italiae Locorum Visitationem
Immatura Morte Praeventus
Obiit Melitae
In Conventu S. Mariae de Jesu
Civitatis Vallettae
Die 16 Decembris 1718
Aetatis suae 58 Religionis 40